MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 638/2010

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**Leeann Mifsud – 540989M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta’ Mejju tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ erba’ mija u erbgha u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€454.44) rapprezentanti l-prezz ta’ servizzi telefonici bis-sistema cellulari in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 99019769 bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l- konvenuta ingunta minn issa ghas-subizzjoni..

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra pero` illi l-konvenuta pprezentat ruhha ghas-seduta tallum fejn iddikjarat illi l-ammont mitlub minnha kien filfatt dovut, ghalkemm tablet illi tinghata l-opportunita` sabiex thallas l-istess permezz ta' pagamenti rateali.

It-Tribunal, ghalhekk, fuq ammissjoni ta' l-istess konvenuta qieghed jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u erbgha u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€454.44) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------